# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' Tnejn 9 ta' Jannar 2023**

**Talba nru. 165/2021**

**FRANCES GALEA**

***VERSUS***

**EMANUEL GALEA**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' rikors ipprezentat fil-11 ta' Gunju 2021 l-attrici talbet lill-konvenut ihallas l-ammont ta' sitt mitt Ewro (Eur 600) ghal xoghol li kellu jsir fil-fond ta' bintha Dar il-Hena Triq l-Iskall, Wied il-Ghajn liema xoghol qatt ma sar.

Illi permezz ta' digriet (a fol. 5), dan il-kaz gie trasferit minn quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghal quddiem dan it-Tribunal fejn fid-29 ta' Novembru 2021 saret l-ewwel udjenza u li fiha l-konvenut talab sabiex jinghata zmien biex iressaq ir-risposta tieghu.

Illi fit-18 ta' Frar 2022, il-konvenut ressaq risposta (a fol. 10) fejn fiha eccepixxa illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom u li m'ghandu jaghti l-ebda ammonti lill-attrici. Il-konvenut eccepixxa wkoll illi l-attrici hallset hames mitt Ewro (Eur 500) u mhux Eur 600 ghal xoghol ta' plumbing kif ukoll ghal saqaf ta' kamra liema xoghol il-konvenut wettqu.

Illi l-attrici ddikjarat illi ma kelliex aktar provi fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2022 filwaqt illi l-konvenut iddikjara illi ma kienx hemm htiega ta' udjenza sabiex jitressqu provi ulterjuri ghajr dak li ser jigi ipprezentat permezz ta' affidavits.

Ra l-affidavits imressqa flimkien mad-dokumenti ipprezentati. (a fol. 18-29)

Ra l-atti processwali kollha;

Ra illi fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2022, din it-talba thalliet ghas-sentenza.

<u>It-Tribunal jikkunsidra</u>:-

Illi l-attrici fl-affidavit taghha tghid illi hija qabbdet "*lil Emanuel Galea biex jaghmilli xogholijiet, biex isaqqaf bicca mill-bitha lit-tifla tieghi u meta gibtu fuq il-post u kellimtu talabni Eur 650*." L-attrici tkompli tghid illi hija kienet tat Eur 650 u mhux Eur 600 lill-konvenut. Dan ta' l-ahhar kien "*gie u pogga ftit bricks fuq il-hajt minghajr ma kahhalom u dawn jekk jaqghu kienu se jmorru fi triq pubblika ghand in-nies. Hemm il-garaxxijiet u kien jigi ghandhom. Dawn malajr irrapurtaw u il-warden mar ikellem lit-tifla u qalilha biex inehhu dawk il-bricks immedjatament ghax jekk jigri xi hada kienet responsabbli hi*."

L-attrici tghid illi minhabba illi l-konvenut ma kienx mar inehhi dawn il-bricks, kellhom inehhuhom l-attrici u t-tifla taghha. Ghar-rigward tas-saqaf li kellu jsir, l-attrici tghid illi "*is-saqaf li kellu jsir ma kienx tal-concrete imma speci ta' tinda li tghatti, taghmel ftit dell u tilqa wkoll kontra x-xita. Pero meta gab wara xi tlett ijiem il-materja dan gab travu ta' l-injam li kien jidher qadim u n-naha l-ohra waddab bicca aluminium kollha mixruba li kienet tidher cara li kienet intuzat band'ohra*."

L-attrici tkompli tghid illi l-qlib ta' din it-tinda sar ghal fuq terzi u mill-ewwel kellha complaint minghand il-girien. Minkejja li l-konvenut kien mar biex jipprova jirranga din il-problema, huwa ma rnexxielux, irrabja, qaleb u zarma kollox u telaq. Ghar-rigward tal-flus u cioe Eur 650 li kien thallas l-attrici tghid illi meta talbitomlu, l-konvenut kien qallha illi kien ser jghaddihomla wara gimgha. Minkejja dan, dawn il-flus baqghu qatt ma gew rifuzi lura.

Bint l-attrici u cioe Alicia Galea fl-affidavit taghha tghid illi l-ammont ta' Eur 650 inghataw minn ommha Frances Galea fil-prezenza taghha. Bint l-attrici tghid illi *". . . kien jidher illi x-xoghol ma kienx tal-galbu ghaliex kellu tahlita ta' imbarazz li kien qieghed iwahhal biex taparsi jinqeda*." Ix-xhud tghid illi "*meta gbidnilu l-attenzjoni dan issuppervja u beda jzarma l-affarijiet u zarma kollox u ha kollox"* u meta saqsietu fuq l-ammont ta' Eur 650 l-konvenut kien qallha li kien ser jghaddihomla wara gimgha, izda dawn baqghu qatt ma waslu.

Fid-9 ta' Gunju 2022, l-konvenut ipprezenta l-affidavit tieghu fejn fost l-ohrajn jghid illi huwa kien ghamel xoghol ta' twahhil ta' tinda lil Frances Galea, fid-dar tat-tifla taghha. Fix-xhieda tieghu jghid illi huwa dam gimghatejn jaghmel dan ix-xoghol anke minhabba li kien ghamel xoghol ta' pajpijiet ta' l-ilma.

Il-konvenut jghid "*wara li lestejt it-tinda, u hallsitni hames mitt Ewro (Eur 500) kollox, mentri l-prezz miftiehem kien ta' seba mitt Ewro (Eur 700), hija kellha ttini wkoll erba' mija u hamsin Ewro (Eur 450) tax-xoghol ta' l-ilma izda dawn ma tatni xejn minnhom*." Emanuel Galea jghid illi huwa ma thallasx ta' l-ammont kollu li kellu jiehu, u li skond hu x-xoghol sar sew tant hu hekk li l-attrici riedet li tiehu l-flus lura biss.

Illi dawn it-tlett affidavits huma l-unika prova mressqa miz-zewg partijiet f' din it-talba. L-enda parti ma ghamlet kontro ezami jew xi sottomissjoni.

Primarjament jigi innutat illi ma hemm l-ebda qbil fuq l-ammont li kellu jigi rifuz lura. Filwaqt li t-talbaipprezentata ssemmi l-ammont ta’ Eur 600, l-attrici u bintha jghidu li kien Eur 650 li qed jippretendu lura filwaqt li l-konvenut jghid illi huwa kien gie moghti biss Eur 500.

L-unika punt li hemm qbil fuqu huwa l-fatt illi l-konvenut verament kien gie mqabbad biex jaghmel xogholijiet fil-propjeta ta’ bint l-attrici u li inghata ammont ta’ flus ghal dan ix-xoghol (l-attrici tghid Eur 650 u l-konvenut jghid Eur 500). Fil-bqija tal-provi migbura ma hemm l-ebda qbil fuq dak li inghad miz-zewg partijiet.

Iktar min hekk, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-provi prodotti quddiema huma fjakki mid-dettal li kien jistenna sabiex wiehed isostni t-talba jew jichadha. Huwa minnu illi dan it-Tribunal mhux marbut ma’ l-ahjar prova kif jistabilixxi l-artikolu 9(2) tal-Kap.380 - “*għandu jitgħarraf b’kull mod li jista’ jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt lix-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista’ jasal biex jaqtal-każ li jkun qed jittratta*”;

Illi b’mod ġenerali jingħad li l-kunflitt ta’ provi hija ġrajja normali f’proċessi ta’ dan it-tip. Il-Ġudikant għandu jkun essenzjalment iggwidat b’żewġ prinċipji bażilari u ċioé l-utilizzar ta’ forma ta’ korroborazzjoni u fin-nuqqas taċ-ċertezza morali, iċ-ċaħda tat-talba.

F’dan is-sens issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet Angela Zammit vs Glazed Lava Stone of Etna u b’digriet tat-8 ta’ Marzu 2019 l-isem tas-soċjeta’ konvenuta ġew imħassra u sostitwiti bil-kelmiet Lava Stone of Sicily Ltd C 67061, deċiża minn dan itTribunal kif diversament presedut nhar il-10 ta’ Ġunju 2022 (Talba Nru: 493/2018 JG), u għal dak kollu ritenut dwar dan il-punt, f’din l-istess sentenza.

Illi huwa minnu wkoll li l-partijiet naqsu milli jiskrutinjaw l-verżjoni taghhom b’xi kontradittorju. Il-kontro-eżami huwa għodda importanti li l-liġi tippermetti lill-parti relattiva. Iżda din ir-regola m’hijiex waħda daqshekk tassattiva kif xi kultant ġie mfisser fil-passat. Propju hawn, t-Tribunal jgħid li bix-xhieda tiegħu il-konvenut xorta rnexxielu jikkontradixxi b’saħħa l-verżjoni u diversi allegazzjonijiet tal-attriċi.

Fis-sentenza fl-ismijiet Knightsbridge Developments Limited (C-41829) vs Citadel Insurance plc, (Rik Nru: 978/08 TA), deċiża fis-7 ta’ Lulju 2017 ġiet ritenut hekk: “*Is-Soċjetà` attriċi tkompli targumenta fin-nota ta’ osservazzjonijiet tagħha, li l-fatt waħdu li ma ġewx kontro eżaminati x-xhieda tagħha, li dak li qalu dawn ix-xhieda għandu jitniehed bhala vanġelu. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma din il-posizzjoni. Li kieku s-Socjeta` konvenuta baqghet inattiva ghal kollox waqt il-kawza, kienet tkun storja ohra mil-lat ta’ evalwazzjoni probatorja. Izda xhud mhux kontro-ezaminat, ix-xhieda tieghu xorta tista’ tigi kkonfutata bi provi ohrajn li jitressqu waqt il-kawza. Il-provi li ghandhom iwasslu lill-Qorti biex tilhaq dak il-konvinciment necessarju fuq bilanc ta’ probabbilitajiet huma varji. Xhieda mhux kontestata ghax ma sarx kontra ezami tax-xhud, ma jfissirx li din tibqa’ wieqfa fuq saqajha, jekk jigu prodotti provi ohrajn li jinnewtralizzaw l-effikacja taghha, ghas-semplici raguni li ma jkunx sar il-kontro ezami tax-xhieda jew xhud*.”

Illi f'dan l-istadju, it-Tribunal iħoss il-ħtieġa li anke jekk b'mod konċiż, jispjega aspett partikolari li jolqot lil dan it-Tribunal speċjali, u ċioe' l-obbligu tat-Tribunal li jaqta' t-talbiet quddiemu b'element ta' ekwita', u dan skont anke dak li jipprovdi l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

Huwa indubitat illi galadarba l-attrici qed tallega illi hemm dovut lilha hlas mill-konvenut, hija ghandha l-oneru illi tipprova, fuq bilanc ta' probabilitajiet, illi din il-pretiza taghha hija fondata. Kif jikteb l-awtur Franciz Auguste Sourdat, lill-parti attrici "*Spetta a lei di provare. Essa articola i fatti, ma ciò non basta, e tutto ciò che essa allega come vero non costituisce che una pretensione interessata, non già una testimonianza. Le pruove debbono sempre essere prese al di fuori di tali allegazioni. In una parola, la qualità di testimonio e quella di parte non possono qui separarsi*." (cfr. "Trattato Generale della Risponsabilità", Napoli, 1853; Vol.I; §347, p. 428). Ta' l-istess hsieb hu l-awtur modern Giorgio Bianchi ("La Prova Civile", CEDAM 2009; p. 172) li jghid hekk: "*Le dichiarazioni pro sé hanno, per evidenti ragioni, efficacia probatoria minima, in considerazione della scarsa affidibilitá della affermazione di fatti a sé favorevoli e sfavorevoli alla controparte*."

F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Bezzina *et* vs John Portelli *et***, (App Ċiv Nru: 1934/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Mejju 2007 fejn ġie mfakkar hekk: *"Ma jidherx li hemm ghalfejn jigi ripetut illi f' kull djalettika processwali hu mholli fil-poter eskluziv u dispositiv tal-parti l-prova li tixtieq tipproduci u jekk hu veru li l-gudikant irid jiddeciedi in bazi ghall-provi sottoposti lilu, il-principju imperanti jibqa' dak generali fis-sens li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega, sija ghas-sostenn tad-domanda, sija ghat-tishih ta' l-eccezzjoni."*

Issa fil-kaz in ezami, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-attrici filwaqt li allegat diversi affarijiet fuq kif sar ix-xoghol u fuq il-pagamenti u sahansitra fuq rapporti li saru minhabba x-xoghol hazin, ma jistax jasal ghal konkluzjoni li l-hlas li hija ghaddiet lill-konvenut (li lanqas hemm qbil fuqu) ghandu jigi rifuz lura minhabba li x-xoghol sar hazin. Illi ghandu jigi precizat li mhuwiex il-kompitu ta' dan it-Tribunal li, f'assenza ta' provi moralment konvincenti, jipprova jazzarda jigbed xi konkluzjoni dwar x'gara jew seta' gara.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi jichad it-talba attrici ghax mhux pruvata sal-grad rikjest fil-Ligi, bl-ispejjez ta' dan il-procediment ikunu kollha a karigu ta' l-attrici.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur